

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.12.2010
KUMM(2010) 801 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol

**(Konsultazzjoni tat-tieni fażi mal-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni Ewropea
skont l-Artikolu 154 TFUE)**

{SEG(2010) 1610 finali}

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Li tirrevedi d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol

**(Konsultazzjoni tat-tieni fażi mal-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni Ewropea
skont l-Artikolu 154 TFUE)**

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea ilha li għandha standards komuni li jirregolaw il-ħin tax-xogħol mill-1993: u dawn l-istandards ġew applikati fis-setturi kollha tal-ekonomija sa mill-2000. Id-Direttiva tal-Ħin tax-Xogħol hija l-pedament tal-Ewropa Soċjali billi tiżgura protezzjoni minima għall-ħaddiema kollha minn sigħat tax-xogħol eċċessivi u milli jiġu injorati l-perjodi minimi ta' mistrieħ. Hija tistipula wkoll bosta mekkaniżmi ta' flessibilità maħsuba biex ilaħħqu maċ-ċirkostanzi partikolari tal-pajjiżi, is-setturi jew il-ħaddiema. Matul l-aħħar ftit snin, madankollu, l-effettività tal-leġiżlazzjoni tal-ħin tax-xogħol fl-UE kienet iddubitata għal bosta raġunijiet. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha żammew lura l-bidliet mgħaġġla fix-xejriet tax-xogħol, li wasslu biex id-Direttiva tkun inqas ta' għajjnuna fir-reazzjoni għall-bżonnijiet tal-ħaddiema u tan-negozji. Barra minn hekk, xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha jew xi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ġabu magħhom inċertezza legali jew saħansitra nuqqas ta' konformità f'xi aspetti importanti. Dan jiġġustifika l-bżonn urġenti għal reviżjoni tad-Direttiva, li l-Kummissjoni hija ddeterminata li tmexxiha skont il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Iktar Intelliġenti.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tara x'inhuma l-fehmiet tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE, b'konformità mal-Artikolu 154(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dwar il-kontenut tal-azzjoni prevista fil-livell tal-UE biex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol¹, u biex tistaqsi jixtix jidħlu f'negozjati kif stipulat fl-Artikolu 155.

Fl-24 ta' Marzu 2010 l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li nediet l-ewwel fażi ta' din il-konsultazzjoni². Dik il-Komunikazzjoni fakkret il-qagħda diffiċli maħluqa mill-fatt li l-koleġiżlaturi ma rnexxilhomx jaqblu fuq reviżjoni peċedenti tad-Direttiva³ u stiednet lill-imsieħba soċjali tal-UE jindikaw l-esperjenza tagħhom bid-Direttiva preżenti, u biex isemmu t-tip ta' regoli tal-ħin tax-xogħol li jkun hemm bżonn fil-livell tal-UE biex ilaħħqu mar-realtajiet ekonomiċi, soċjali, teknoloġiċi u demografiċi tas-seklu 21.

Din il-Komunikazzjoni tiġbor flimkien ir-riżultati ewlenin tal-konsultazzjoni tal-ewwel stadju mal-imsieħba soċjali tal-UE u l-evidenza ewlenija miġbura mill-istudji reċenti dwar it-tendenzi u x-xejriet tal-ħinijiet tax-xogħol u l-impatt ekonomiku u soċjali tad-Direttiva. Tkompli billi tistabbilixxi l-alternattivi ewlenin għal proposta leġiżlattiva li temenda. Il-

¹ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

² COM(2010) 106, 24.3.2010.

³ Il-proposta oriġinali COM(2004) 607; il-proposta emendata COM(2005) 246.

Komunikazzjoni għandha titqies flimkien mar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (adottata fl-istess ħin), li tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mar-regoli tal-ħin tax-xogħol u tidentifika l-oqsma ewlenin ta' nonkonformità jew inċertezza legali. Bħala għajnuna lill-imsieħba soċjali fit-tweġibiet tagħhom għal din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se tippubblika r-riżultati tal-istudji u l-istħarriġiet kollha⁴ li użat għat-tweġibiet ta' din il-Komunikazzjoni.

2. IL-KONSULTAZZJONI TAL-EWWEL STADJU MAL-IMSIHBA SOĊJALI⁵

Hemm kunsens wiesa' fost l-imsieħba soċjali li l-aħħar 20 sena raw bidliet maġġuri fid-dinja tax-xogħol, li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Madankollu, hemm nuqqas ta' qbil serju dwar l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. L-impjegaturi għandhom ħabta jarawhom bħala li jeħtieġu bidliet legali mmirati lejn flessibilità ikbar fil-ħin tax-xogħol, filwaqt li l-junjins iqisu li jeħtieġu bidliet biex isaħħu l-protezzjoni legali għall-ħaddiema.

L-impjegaturi fis-settur privat jenfasizza fatturi bħal kompetizzjoni ikbar, il-globalizzazzjoni, il-qabża mill-manifatturazzjoni għas-servizzi, il-volatilità tas-suq u l-bdil teknoloġiku, partikolarment l-użu aċċellerat ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

Min iħaddem fis-settur pubbliku jenfasizza partikolarment l-obbligi tiegħu biex jipprovdi servizzi ta' 24 siegħa ta' kwalità għolja lil ċittadini vulnerabbli, iwieġeb għad-domanda dejjem tikber għas-servizzi tas-saħħa u tal-kura minħabba l-fatturi demografiċi, jindirizza d-diffikultà biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż dejjem ikbar fid-dawl tal-limiti baġitarji iktar ibsin minħabba l-kriżi finanzjarja, u n-nuqqas kroniku ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa kkwalifikati.

It-trejdjunjins jenfasizzaw l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħidma prekarja, u l-effetti negattivi tas-siġhat tax-xogħol eċċessivi fuq is-saħħa u s-sigurtà u fuq il-kwalità u l-produttività tax-xogħol. Huma jenfasizzaw il-problemi li jiġu minn siġhat tax-xogħol twal biex ix-xogħol u l-ħajja familjari jkunu kkombinati flimkien u biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol. Fir-rigward tas-settur tas-saħħa, il-junjins jargumentaw li jekk isserraħ fuq siġhat twal tista' biss taggrava l-problemi ta' reklutaġġ u taħriġ mill-ġdid ta' persunal.

Għadd ta' msieħba soċjali settorjali enfasizzaw fatturi distinti tas-setturi tagħhom li kien hemm bżonn li jitqiesu mir-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol. Madankollu, l-opinjoni jvarjaw fuq it-tip ta' bidliet li kienu meħtieġa għad-Direttiva ta' bħalissa. Il-fatturi ewlenin kienu: l-istaġuni, ix-xejriet partikolari tax-xogħol fis-settur tal-arti tal-ispettaklu, l-għoti ta' akkomodazzjoni residenzjali fuq il-post tax-xogħol, l-awtonomija u l-ħidma li tirrikjedi l-għarfien, xogħol f'żoni remoti, l-għoti ta' servizzi għal 24 siegħa, funzjonijiet kritiċi għas-

⁴ Ara l-istudju tal-2010 mid-Deloitte għall-Kummissjoni: 'Study to support an impact assessment on further action at European level regarding Directive 2003/88/EC and the evolution of working time organization.' Ara wkoll: 'Comparative analysis of working time in the European Union', Eurofound, 2010; 'Fifth Working Conditions Survey', Eurofound, 2010; 'In-depth study on health and safety aspects of working time – effects of working hours on safety, health and work-life balance', 'Flexible working time arrangements and gender equality – A comparative review of thirty European countries', J. Plantenga u Ch. Remery, 2010. Sabiex tiġi ffaċilitata din il-konsultazzjoni, il-websajt tal-Kummissjoni tipprovdi links għat-test shih tal-istudji kollha msemmija.

⁵ SEC(2010)1610 tipprovdi ħarsa ġenerali iktar dettaljata tat-tweġibiet.

sigurtà, domanda li tinbidel malajr, żieda fl-impjegi part-time, l-ispejjeż u l-persjonijiet tal-kompetittività globali u nuqqas ta' ħiliet.

L-impjegaturi b'mod ġenerali qablu mal-analiżi ppreżentata mill-ktiba ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni. Business Europe, UEAPME u CEEP laqgħu l-perspettiva usa' proposta għar-reviżjoni korrenti. Business Europe u UEAPME sostnew, madankollu, li l-kwistjoni tal-ħin ta' disponibilità għandu jkun rikonoxxut bħala importanti kemm għas-settur privat u kemm għas-settur pubbliku. Bosta għaqdiet ta' min iħaddem enfasizzaw ukoll li l-flessibilità jistgħu jgawdu minnha kemm il-ħaddiema u kemm l-impjegaturi u li ma għandux ikollha konnotazzjoni negattiva.

Kuntrarjament, l-ETUC u t-trejdjunjins l-oħra kienu kritiċi għall-analiżi kumplessiva tal-Kummissjoni. Huma kienu tal-fehma li l-Kummissjoni ma qisix adegwatament l-importanza legali tar-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol, u lanqas l-għan tat-Trattat li tinżamm u tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema; u li d-Direttiva mhix qed taħdem b'mod effettiv fi ħdan l-Istati Membri minħabba li l-Kummissjoni naqset fl-obbligu tagħha li żżomm u tinforza l-liġi tal-UE. L-ETUC u l-EPSU (it-trejdjunjin tal-UE għas-servizzi li jinkludu s-settur pubbliku) ma jaċċettawx li min iħaddem jew is-servizzi pubbliċi jiffaċċjaw kwalunkwe ostakli insuperabbli biex jimplementaw id-deċiżjonijiet ta' *SIMAP-Jaeger*.

L-imsieħba soċjali transindustrijali ewlenin jaqblu mal-bżonn ta' reviżjoni tad-Direttiva. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn min iħaddem u l-junjins rigward il-kuntest, l-ambitu u l-għanijiet tagħha.

Filwaqt li Business Europe hija opposta fil-prinċipju għar-regolamentazzjoni tal-ħin tax-xogħol fil-livell tal-UE, il-UEAPME tqis li r-regolament tal-UE huwa importanti biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi żgħar u medji. L-għaqdiet tal-impjegaturi transindustrijali kollha jaqblu li r-regoli ta' bħalissa huma riġidi u kumplessi wisq, u jenfasizzaw il-bżonn li tiġi emendata b'mod partikolari l-każistika ta' *SIMAP-Jaeger*, kif ukoll id-deċiżjonijiet reċenti dwar il-liv annwali bi hlas⁶.

Għal Business Europe ikun utli li jiġi estiż il-perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar, imma l-ebda kwistjonijiet oħra ma għandhom ikunu koperti mir-reviżjoni, u li tinżamm il-klawżola ta' eżenzjoni hija enfasizzata bħala kruċjali. Is-CEEP u l-EUAPME jqisu li jwessgħu r-reviżjoni għal kwistjonijiet oħra, u jaħsbu li l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza għal 12-il xahar u l-bdil tal-każistika ta' *SIMAP-Jaeger* tnaqqas sostanzjalment id-domanda għal eżenzjoni.

L-impjegaturi fis-servizz pubbliku ġeneralment jenfasizzaw il-bżonn għal reviżjoni "komprensiva" tar-regoli tal-ħin tax-xogħol bħala kwistjoni prijoritarja, fid-dawl tal-implikazzjonijiet enormi tagħhom għall-funzjonament tas-servizzi pubbliċi. Il-każistika *SIMAP-Jaeger* għandha tkun il-fokus ewlieni, imma huma wkoll miftuħa għat-titjib tal-protezzjoni tal-ħaddiema minn sigħat twal u onerużi u t-tiżi tar-rikoñiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja familjari. Huma kollha għandhom riżervazzjonijiet rigward kwalunkwe bidliet għall-eżenzjoni, għalkemm is-CEEP hija dispjaċuta li din tinxtered malajr fis-servizzi pubbliċi u tqis li l-użu tagħha mhux fl-interessi ta' min iħaddem, tal-ħaddiema jew ta' min juża s-servizzi.

Il-junjins, min-naħa l-oħra, jispeċifikaw li r-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol huma bbażata fuq id-drittijiet soċjali fundamentali mħarsa mit-Trattat u mill-Karta tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe

⁶ Il-Kawżi Konġunti *Schultz-Hoff & Stringer*, C-350/06 u C-520/06.

reviżjoni trid, f'termini kumplessivi, tirrispettahom u tibni fuqhom, sabiex ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema li teżisti bħalissa. Hija trid tagħti wkoll l-importanza xierqa lill-pożizzjonijiet meħuda mill-Parlament u t-trejdjunjins matul id-diskussjonijiet interistituzzjonali dwar il-proposta ta' emenda preċedenti.

Kemm l-ETUC u kemm l-EPUSU huma miftuħa għal reviżjoni komprensiva, imma jqisu li l-bidliet ikunu mixtieqa biss jekk ikunu ġenwinament jindirizzaw il-bżonn li tintemm l-eżenzjoni. Ir-reviżjoni għandha tipprova tinforza l-applikazzjoni għal kull ħaddiem, u tissikka d-deroga għall-"ħaddiema awtonomi". Din għandha ssib soluzzjonijiet ibbilanċjati u sostenibbli għall-ħin ta' disponibilità, imma dawn iridu jirrispettaw u jibnu fuq il-każistika ta' SIMAP-Jaeger, bl-ebda bidla għad-definizzjoni tal-ħin ta' disponibilità jew il-ħin tax-xogħol. Ħafna entitajiet tal-professjonisti tas-saħħa jaqblu, b'referenza għar-riċerka tas-saħħa u s-sigurtà li huma l-bażi tad-Direttiva, għalkemm minoranza ta' għaqdiet tat-tobba argumentaw li t-tobba għandhom ikunu jistgħu jaħdmu sa 65 siegħa fil-ġimgħa b'kunsens individwali. L-ETUC huwa interessat ukoll li jiġu indirizzati r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja familjari, u li l-ħaddiema jingħataw iktar influwenza fuq ix-xejriet tal-ħin tax-xogħol.

It-tweġibiet mill-imsieħba soċjali settorjali kellhom it-tendenza li jirriflettu l-pożizzjonijiet espressi minn min iħaddem u mill-junjins transindustrijali rispettivament. Madankollu, ftit tweġibiet settorjali jqisu li d-Direttiva ma kellhiex bżonn tiġi emendata (l-għaqdiet ta' min iħaddem mis-setturi tal-ospitalità, tas-sajd fil-baħar, tal-banek, tat-tħaffir għaż-żejt u l-gass barra mix-xtut u tas-sigurtà privata).

L-għaqdiet tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku tat-tifi tan-nar ukoll jappoġġjaw il-każistika ta' SIMAP-Jaeger. Madankollu, jixtiequ li r-regoli dwar il-perjodi ta' mistrieħ jirtabu ftit bil-ħsieb li tinżamm ix-xejra tax-xogħol tradizzjonali ta' xiftijiet ta' 24 siegħa, li hija meqjusa li taqdi l-bżonnijiet partikolari tas-servizzi tat-tifi tan-nar, bil-kundizzjoni ta' iktar studju dwar kwalunkwe effetti li jista' jkun hemm fuq is-saħħa u s-sigurtà. Xi wħud jaċċettaw li titkompla l-eżenzjoni temporanja b'ċerti kundizzjonijiet. Xi wħud kienu favur emenda tad-Direttiva biex teskludi ħaddiema tat-tifi tan-nar voluntiera mill-ambitu tagħha.

EUROMIL, għaqda tal-ħaddiema fil-forzi tad-difiża, argumentat li dawn għandhom ikunu effettivament koperti mid-Direttiva u l-każistika ta' SIMAP-Jaeger għandha tkun infurzata.

Fir-rigward tal-bżonn għal forom oħra ta' azzjoni fil-livell tal-UE, l-ETUC u l-EPUSU jridu li l-Kummissjoni tiegħu l-miżuri kollha possibbli kontra n-nonkonformità tal-Istati Membri, inkluża t-tnedija ta' proċeduri ta' infrazzjoni. Huma jappoġġjaw ukoll miżuri li jinkoraġġixxu reklutaġġ u riżorsi aħjar għall-ispettorati tax-xogħol fl-Istati Membri. Kuntrarjament, disa' għaqdiet tat-tobba Ewropej argumentaw, fi tweġiba konġunta, kontra t-tnedija ta' proċedimenti ta' infrazzjoni. Bosta tweġibiet appellaw għal appoġġ mill-Kummissjoni għal riċerka komparattiva u/jew skambju ta' prassi tajba.

L-imsieħba soċjali transindustrijali tal-UE esprimew livelli differenti ta' kemm kienu lesti li jidħlu għal negozjati skont l-Artikolu 155 TFUE, qabel jew waqt il-konsultazzjoni tat-tieni stadju. Business Europe u l-UEAPME indikaw preferenza ċara għal soluzzjonijiet transindustrijali, minħabba n-natura wiesgħa tal-kwisjonijiet ikkonċernati. Madankollu, l-ETUC jitlob li l-pożizzjonijiet ta' min iħaddem jitqarrbu b'mod sinifikanti lejn tiegħu (partikolarment dwar il-kwistjoni kruċjali tal-eżenzjoni) qabel ma jqis li tinneogzja.

Fis-settur pubbliku, is-CEEP jitlob bil-qawwi li jinstabu soluzzjonijiet għas-servizzi pubbliċi permezz ta' negozjati fil-livell transsettorjali. L-affiljati tas-CEEP, is-CEMPR u l-HOSPEEM

jieħdu pożizzjonijiet kompatibbli. Madankollu, l-EPStu jinsisti li l-Istati Membri jew min iħaddem fis-settur pubbliku jwaqqfu l-eżenzjoni eżistenti kollha qabel ma jiddeċiedu li jidħlu f'negozjali.

L-imsieħba soċjali f'setturi oħra, bi f'it eċċezzjonijiet, jew ma esprimewx interess fin-negozjati fil-livell settorjali jew qiesu li dan ikun prematur.

3. IX-XEJRIET U T-TENDENZI EWLENIN TAL-ĦINIJET TAX-XOGHOL⁷

Ix-xejriet ta' ħin ix-xogħol evolwew matul l-aħħar għoxrin sena b'riżultat tal-influenza kombinata tal-bidliet teknoloġiċi, il-globalizzazzjoni, ir-ristrutturazzjoni tan-negozju u l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-importanza ikbar tas-servizzi, id-diversità ikbar tal-forza tax-xogħol u iktar stili ta' ħajja u attitudnijiet individwalizzati lejn il-karrieri. Għalkemm l-istandards minimi li jinsabu fid-Direttiva jinkoraġġixxu iktar konsistenza madwar l-UE, u għandhom rwol importanti biex jitnaqqas id-dewmien medju tax-xogħol, id-diversità fi-xejriet tal-ħinijiet tax-xogħol tippersisti u se tibqa' r-regola bejn l-Istati Membri, bejn l-attivitajiet differenti, u bejn il-gruppi tal-ħaddiema.

B'mod ġenerali, it-tendenza kienet għat-tnaqqis gradwali tal-ħin medju tax-xogħol fl-UE: minn 40,5 siegħa fl-1991 għall-KE-12 għal 37,5 siegħa fl-2010 fl-UE-27⁸. Madankollu, dan huwa l-iktar minħabba żieda stabbli fl-għadd ta' nies li jaħdmu part-time, minn 15,9 % tal-forza tax-xogħol fl-1998 għal 18,2 % fl-2008⁹. Is-siġhat medji tal-ħaddiema full-time tal-UE baqgħu virtwalment l-istess mill-2000.

Madwar l-Ewropa, għad hemm varjazzjoni wiesgħa fis-siġhat annwali medji maħduma. M'hemm l-ebda sinjal ta' tendenza konverġenti u huwa improbabbli ħafna li din l-istampa se tinbidel fil-futur qrib. L-għadd medju ta' siġhat maħduma jvarja minn inqas minn 1 400 (il-Pajjiżi l-Baxxi) għal iktar minn 2 100 (il-Greċja)¹⁰. Ħaġa interessanti hi li t-tul tal-ħin tax-xogħol jidher korrelat ta' ħafna inversament mal-livelli ta' produttività fis-siegħa fost l-Istati Membri. Filwaqt li n-norma tal-ġimgħa ta' 40 siegħa għadha prevalenti fil-maġġoranza tal-Istati Membri, xi wħud jidhru li qed jiżviluppaw profili speċifiċi b'dispersjoni ikbar ta' siġhat maħduma fil-ġimgħa (speċjalment fir-Renju Unit, imma anke fl-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Ġermanja u l-pajjiżi Nordiċi)¹¹. 9 % tal-impjegati (speċjalment l-irġiel) għadhom jaħdmu iktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa bħala medja, imma dan is-sehem kien qiegħed jonqos¹².

Il-bidliet ewlenin li qed iseħħu bħalissa huma relatati mal-arranġament flessibbli ta' ħin tax-xogħol minflok id-dewmien tiegħu. L-aħħar żewġ deċennji raw l-espansjoni tal-forom flessibbli ta' organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, bħal ħinijiet tax-xogħol li jvarjaw, arranġamenti ta' ħin flessibbli, it-telexogħol u t-tfaddil tal-ħin tax-xogħol, flimkien ma' xogħol part-time. Sabiex jiġu akkomodati dawn l-iżviluppi, hemm iktar fokus biex ikunu permessi soluzzjonijiet magħmulin apposta, spiss innegozjati fil-livell tal-kumpaniji, fi ħdan il-fruntieri ta' qafas regolatorju maqbul komunement. Madankollu, dan iċ-ċaqliq lejn xejriet tax-xogħol iktar flessibbli u ħinijiet tax-xogħol individwalizzati hija iktar ċara fl-Istati Membri tal-UE tat-tramuntana u tal-punent milli bnadi oħra.

⁷ Ara r-raba' nota ta' qiegħ il-paġna.

⁸ 36,4 siegħa fil-KE-12 fl-2010.

⁹ Sħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol

¹⁰ Ara l-istudju tad-Deloitte.

¹¹ Ara l-ħames Sħarriġ tal-Eurofound u Plantenga and Remery (2010).

¹² Ibid.

Sa ċertu punt, iktar flessibilità fil-ħinijiet tax-xogħol kienet promossa mill-bżonnijiet tan-negozju, minħabba swieq iktar volatili, kompetizzjoni globali dejjem tikber u relazzjonijiet eqreb mad-domanda tal-konsumaturi/klijenti. Ir-ristrutturazzjoni tal-katina tal-valur mill-kumpaniji għandha l-ħabta li ċċaqlaq id-domanda għall-flessibilità tas-subkuntratturi jew tal-unitajiet li qegħdin iktar 'l isfel fil-katina tal-valur u lill-ħaddiema tagħhom, b'hekk joħolqu proċess doppju fejn forom ġodda ta' "ħidma li tirrikjedi l-għarfien" flessibbli u awtonomu jikkoeżistu ma' tekniki ta' produzzjoni repetitivi u intensivi¹³.

Madankollu, iktar flessibilità tal-ħinijiet tax-xogħol tidher li hija mixtieqa wkoll minn ħafna impjegati, speċjalment dawk b'responsabilitajiet familjari li qed ifittxu li jirrikonċiljaw aħjar l-obbligi tax-xogħol tagħhom mal-ħajja personali¹⁴. Id-diversità dejjem tikber tal-forza tax-xogħol (b'impjegati ikbar fl-età, imma speċjalment b'iktar impjegati nisa) hija mutur ewlieni ta' xejriet ta' ħinijiet iktar individwalizzati. Għalhekk tista' toħloq influwenza pożittiva fuq ir-rati ta' parteċipazzjoni ta' ħaddiema nisa u dawk iktar avvanzati fl-età¹⁵. Madankollu, kemm l-impjegati jistgħu jikkontrollaw jew jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ta' xogħolhom ivarja ħafna, mhux biss fi ħdan l-Istati Membri imma anke bejniethom. B'mod partikolari, il-ħaddiema professjonali u b'ħafna ħiliet kif ukoll dawk f'impjiegi intensi fl-għerf u l-komunikazzjoni jidhru li huma kapaċi jieħdu vantaġġ ikbar tas-siġhat flessibbli mill-ħaddiema manwali, peress li jistgħu joħolqu kontroll ikbar fuq ħin xogħolhom.

Ix-xogħol part-time u forom flessibbli tal-organizzazzjoni tax-xogħol huma biss żewġ eżempji tad-diversità dejjem tikber tal-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol. L-għadd sinifikanti ta' nies bit-telexogħol¹⁶, xogħol bix-xiftijiet (17%), flgħaxijiet/iljieli (10% tal-inqas tliet darbiet fix-xahar) jew Sibtijiet/Ħdud (53% tal-inqas darba fix-xahar)¹⁷, kif ukoll il-fenomeni mhux ikkwantifikati u dejjem jiżdied li 'tieħu x-xogħol id-dar' jiffirma stampa ġenerali ta' xejriet tax-xogħol diversifikata li dejjem tiżdied madwar l-Ewropa. L-għadd ta' ħaddiema b'iktar minn xogħol wieħed (3,8% tal-forza tax-xogħol¹⁸) jipprovdi turija oħra ta' din il-flessibilità.

Din it-tendenza hija mistennija li tissaħħaħ fil-futur, peress li ż-żewġ sħab fir-relazzjoni ta' impjieg se jkunu qed ifittxu arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol iktar magħmula apposta u individwalizzati; il-bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol iffaċilitat mill-użu wiesa' ta' teknoloġiji diġitali jagħmluha possibbli. Filwaqt li potenzjalment iżżid l-ambitu għal soluzzjonijiet li bihom jiggwadanja kulħadd, din it-tendenza tista' madankollu ġġib magħha riskji ġodda għall-ħaddiema tas-seklu 21, peress li xi wħud se jkunu iktar vulnerabbli għall-konsegwenzi negattivi tal-intensifikazzjoni tax-xogħol u li ma jibqax ċar fejn jispiċċa x-xogħol u tibda l-ħajja personali¹⁹.

¹³ Riżultat tal-proġett WORKS imsemmi fl-istudju tad-Deloitte.

¹⁴ Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja familjari għadha problema ewlenija għal 18 % tal-ħaddiema, speċjalment dawk li jaħdmu bix-xift, b'xogħol b'ħin ta' disponibilità jew iktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa. Fost il-ħaddiema li jaħdmu fi tmiem il-ġimgħa jew bil-lejl, madwar żewġ terzi minnhom isibuha konvenjenti għall-ħajja personali, imma minoranza sinifikanti minnhom ma taqbilx (EUROSTAT, 2004).

¹⁵ Wieħed jista' jargumenta wkoll li l-konċentrazzjoni tax-xogħol part-time fl-oqsma l-anqas imħallsa bi prospetti baxxi ta' karriera u taħriġ taf tolgot ħażin l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Ara J. Plantenga et al (2010) fin-nota tal-qiegħ nru 4.

¹⁶ Madwar 4,5 miljun ħaddiem fl-UE fl-2002 (Rapport ta' Implimentazzjoni, Ftehim Qafas tal-UE dwar it-telexogħol)

¹⁷ Ara l-ħames Stħarriġ Eurofound.

¹⁸ Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, 2009.

¹⁹ See Deloitte study.

4. L-EFFETTI SOĊJALI U EKONOMIĊI EWLENIN TAD-DIRETTIVA²⁰

L-għan ewlieni tad-Direttiva hu li jiġiharsu l-ħaddiema mill-ħinijiet eċċessivi tax-xogħol u milli jiġu injorati l-perjodi ta' mistrieħ. Hemm evidenza ampja u robusta li turi li ħinijiet tax-xogħol twal, nuqqas ta' ħinijiet minimi ta' mistrieħ u ħinijiet tax-xogħol atipiċi jħallu effett detrimentali fuq is-saħħa u s-sigurtà, kemm għall-ħaddiema kkonċernati u kemm għall-pubbliku ġenerali. Il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol jista' jkun affettwat b'mod negattiv ukoll b'xogħol b'ħinijiet irregolari, jew f'ħinijiet mhux tas-soltu. B'mod partikolari, l-interazzjoni ta' fatturi addittivi bħal sigħat twal u ħinijiet bix-xiftijiet jista' jkollhom effetti serji fuq is-saħħa u s-sigurtà.

Dan huwa ta' rilevanza partikolari għas-settur tas-saħħa. Mill-banda l-oħra, il-bżonnijiet tas-sikurezza tal-pazjenti jridu jkunu garantiti billi jkun żgurat li s-servizzi tas-saħħa u tal-emerġenza ma jingħatawx minn ħaddiema li l-ħiliet u d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu mhedda minn eżawriment u stress li jirriżulta minn sigħat twal tax-xogħol. Mill-banda l-oħra, is-settur diġà qiegħed jiffaċċja nuqqas ta' provvista ta' professjonisti b'ħiliet, nuqqas li fil-futur mistenni jikber sakemm ma jittiħdux miżuri xierqa biex dan ikun indirizzat. Sabiex jiġu reklutati u miżmuma ħaddiema tas-saħħa, huwa importanti li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu iktar attraenti. Ħinijiet tax-xogħol raġonevoli u bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol huma kruċjali f'dan ir-rigward.

Hemm evidenza komparattivament inqas robusta tal-impatt ekonomiku u kummerċjali tad-Direttiva, li hija kwistjoni li ma għandhiex titwarrab fil-qagħda preżenti tas-swieq tax-xogħol. Dan probabbli hu minħabba li l-aġenti ekonomiċi qiesu r-regoli tal-ħin tax-xogħol fl-imġiba tagħhom ħafna żmien ilu.

L-istħarriġiet juru li n-negożju huwa kkonċernat bl-effett li r-regolamentazzjoni tal-ħin tax-xogħol jista' jkollha fuq il-kompetittività u l-kapaċità li tittratta attivitajiet staġjonali u fluttwazzjonijiet oħra, l-iktar minħabba d-diffikultà li jiġi reklutat il-persunal fil-perjodi l-iktar bieżla. Minn hemm il-bżonn għal skemi ta' flessibilità, bħall-kisba tal-medja tal-ħin tax-xogħol (iktar spiss għal perjodi ta' iktar minn 4 xhur, imma anke għal iktar minn 12-il xahar), li ħafna mit-tweġibiet iħossu li għandha tiġi estiża. Hija biss minoranza ta' kumpaniji li tuża ħin ta' disponibilità fuq il-post tax-xogħol, imma għal dawk li jagħmlu dan, li l-ħin ta' disponibilità jgħodd kompletament bħala ħin tax-xogħol joħloq problemi sostanzjali.

Il-kumpaniji fil-pajjiżi li jużaw l-eżenzjoni b'xi mod jew ieħor iridu li tkompli. Proporzjon imdaqqs tal-kumpaniji għandhom ħaddiema jaħdmu iktar minn 48 siegħa, speċjalment bħala reazzjoni għall-fluttwazzjonijiet staġjonali u jipprovdu servizz kontinwu barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol. Sorprendentement ftit kumpaniji effettivament jistaqsu lill-impjegati tagħhom biex jagħtuhom kunsens bil-miktub għal dik il-fini, li tissuġġerixxi li dan mhux dejjem magħruf u konformi biżżejjed.

Fis-servizzi pubbliċi (is-saħħa, il-kura residenzjali, is-servizzi tat-tifi tan-nar u l-pulizija), il-limiti fuq l-infiq pubbliku, id-domanda ikbar għas-servizzi u n-nuqqas fid-dinja kollha ta' ħaddiema b'ħiliet wasslu biex l-impjegaturi jfittxu modi għal kif iduru mar-regoli tad-Direttiva rigward il-ħin tax-xogħol u s-mistrieħ kompensatorju.

Il-qafas ġuridiku attwali huwa meqjus bħala ġeneralment ta' benefiċċju għall-impjegati peress li jipprovdi punt biex dawn jinnegożjaw jew biex jirċievu kundizzjonijiet tax-xogħol u paga

²⁰ Ara l-istudju tad-Deloitte fir-raba' nota ta' qiegħ il-paġna.

kumplessiva aħjar meta l-provvista ma tkunx tista' tlaħħaq maż-żieda fid-domanda għal persunal b'ħiliet. Madankollu, f'xi każijiet jista' jkun hemm ukoll telf fl-introjt fin-nuqqas ta' eżenzjoni. Dan jista' jkun ukoll katalist għal miżuri u kisbiet fl-effiċjenza biex jitjeb il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol għall-impjegati u l-kwalità tas-servizzi għaċ-ċittadini.

L-eżenzjoni tintuża kemm mis-setturi privati u kemm mis-setturi pubbliċi, l-iktar fejn hemm bżonn tal-kontinwità tal-kura u tas-servizzi jew fejn hu mitlub minn kundizzjonijiet kompetittivi. In-nonparteċipazzjoni ma titqiesx bħala "alternattiva faċli" biex jinħarbu r-rekwiżiti tad-Direttiva, imma nużat bħala għodda għall-flessibilità speċjalment fis-settur pubbliku biex jiġu akkomodati attivitajiet partikolari, skarsezza tar-riżorsi u forom speċifiċi ta' xogħol atipiku. Hemm ukoll evidenza li tintuża f'xi każijiet biex tilqa' għar-riskju ta' nuqqas ta' persunal matul perjodi ċikliċi.

5. GĦAŻLIET GĦAR-REVIŻJONI

Ir-regoli bażiċi tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jinsabu wkoll fil-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, li fl-Artikolu 31(2) tistipula li:

'Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' liv imħallas.'

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, aktar minn darba kkonfermat li r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-ħin massimu tax-xogħol, il-liv annwali mħallas u l-perjodi minimi ta' mistrieħ *'jikkostitwixxu regoli tal-liġi soċjali Komunitarja ta' importanza partikolari, li minnhom irid jibbenefika kull ħaddiem'*²¹.

Il-Kummissjoni tagħti lil dawn il-kunsiderazzjonijiet l-importanza li jixirqilhom²². Barra minn hekk, maġġoranza kbira tal-imsieħba soċjali tal-UE jixtiequ li jinżammu r-regoli minimi fil-livell tal-UE u jirrikonoxxu li dawn għandhom rwol soċjalment u ekonomikament siewi. Tabilħaqq, l-ebda risposta ma talbet għal bidliet radikali fil-qafas attwali, minkejja li bosta pproponew flessibilità akbar fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu.

Għaldastant, il-Kummissjoni mhux se ssegwi l-għażla li jintemmu r-rekwiżiti minimi komuni fil-livell tal-UE, biex tiffavorixxi li l-ħin tax-xogħol jiġi rregolat fil-livell lokali u/jew nazzjonali.

Mir-risposti tal-imsieħba soċjali tal-UE feġġ kunsens wiesa' li jinħtieġu bidliet urġenti għar-regoli attwali dwar il-ħin tax-xogħol. Din hija wkoll l-opinjoni tal-Kummissjoni nfisha, kif jidher fid-dokument ta' konsultazzjoni tal-ewwel stadju u fir-Rapport ta' implimentazzjoni.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni mhix se ssegwi l-għażla li jinżamm l-istatus quo.

Hemm ukoll kunsens qawwi li r-regoli tal-UE dwar il-ħin tax-xogħol għandhom jippermettu flessibilità akbar lill-imsieħba soċjali kkonċernati biex dawn jinneogzjaw dwar id-dettalji tal-implimentazzjoni fil-livell xieraq. Xi risposti kkunsidraw ukoll li r-regolamentazzjoni fil-livell tal-UE għandha tkun aktar ċara, sempliċi, u infurzata b'mod li tħares b'mod aktar effettiv

²¹ *Dellas, Kawża C-14/04; FNV, Kawża C-124/05; Isère, C-428/09.*

²² Ara COM (2010) 573 dwar il-Karta.

ċertu tħassib ewlieni ta' saħħa u sigurtà, filwaqt li jitnaqqsu kwalunkwe piżijiet amministrattivi bla hteġa (speċjalment għall-SMEs)²³ u tissaħħaħ il-kompetittività.

Madankollu, l-opinjoni jiet tal-imsieħba soċjali tal-UE għadhom ivarjaw fir-rigward tal-fatturi ewlenin li għandhom jiddeċiedu x'bidliet isiru fir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li jintlaħaq kunsens dwar x'għandhom ikunu l-prijoritajiet għar-reviżjoni, jew dwar il-kontenut ta' xi Direttiva emendata futura.

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi billi tqis dawn iż-żewġ għażliet: reviżjoni ffokata (5.1), jew ġabra ta' bidliet aktar komprensivi (5.2), dwar is-suġġetti enfasizzati mill-imsieħba soċjali permezz tar-risposti tagħhom.

5.1 Reviżjoni ffokata

L-ewwel għażla tikkonsisti fil-proposta ta' soluzzjonijiet ġodda, iffokati fuq il-kwistjonijiet tal-ħin on-call u s-mistrieħ kumpensatorju, u l-indirizzar tad-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-każistika *SIMAP-Jaeger*²⁴, kif identifikaw bosta partijiet interessati. Mir-risposti joħroġ ċar li dawn iż-żewġ kwistjonijiet huma meqjusa bħala partikolarment importanti fi ħdan is-servizzi pubbliċi li jeħtieġilhom jipprovdu kontinwità ta' servizz il-ħin kollu (pereżempju, fil-kura tas-saħħa pubblika, il-kura residenzjali, u s-servizzi tat-tifi tan-nar u tal-emerġenza). Huwa wkoll ċar li dawn il-kwistjonijiet huma l-għajn ta' għadd konsiderevoli ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità jew inċertezza ġuridika²⁵.

Is-soluzzjonijiet preferuti jvarjaw sa ċertu punt bejn l-imsieħba soċjali, is-servizzi pubbliċi differenti u Stati Membri differenti. L-għan hu li jinstab qafas komuni xieraq tal-UE li jkun jippermetti soluzzjonijiet negozjati fil-livell lokali jew settorjali, li jkun isostni kemm il-ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u l-utenti kif ukoll il-forniment ta' servizzi ta' kwalità għolja. Minħabba l-konċentrazzjoni għolja tal-użu tal-ħin on-call (kif definit mid-deċiżjonijiet tal-Qorti) f'ċerti setturi, il-Kummissjoni tkun trid tipprevedi wkoll soluzzjoni permezz ta' negozjati settorjali fil-livell Ewropew: għalkemm din hija kwistjoni ta' deċiżjoni awtonoma tal-imsieħba soċjali.

i) Ħin ta' disponibbiltà (on-call)

Soluzzjoni bbilanċjata fir-rigward tat-trattament tal-ħin on-call (ħin ta' disponibbiltà) tista' tibda bir-rikonossiment tal-prinċipju li l-ħin kollu on-call, li matulu l-ħaddiem huwa mitlub ikun disponibbli għall-impjegatur tiegħu fuq il-post tax-xogħol biex jipprovdi s-servizz tiegħu jew tagħha f'każ ta' hteġa, huwa ħin tax-xogħol għall-finijiet tad-Direttiva, u ma jistax jitqies bħala ħin ta' mistrieħ²⁶. Dan ikun isostni l-prinċipji stabbiliti mill-verdetti *SIMAP* u *Jaeger*. Madankollu, huwa propost li tiddaħħal deroga, li tkun limitata għas-setturi fejn il-kontinwità tas-servizz hija meħtieġa, li tkun tippermetti perjodi ta' ħin on-call li jkunu *magħduda* b'mod differenti (jiġifieri mhux dejjem abbażi ta' siegħa b'siegħa: il-prinċipju tal-'ekwivalenza') bla ħsara għal ċerti limiti massimi ta' kull ġimgħa u sakemm il-ħaddiema inkwistjoni jingħataw il-ħarsien li jixirqilhom.

²³ Ara wkoll COM (2010) 543 dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-UE.

²⁴ SIMAP, Kawża C-303/98; *Jaeger*, Kawża C-151/02.

²⁵ COM(2010) 802, Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol; Deloitte Consulting, (2010), Studju li jsostni valutazzjoni tal-impatt rigward id-Direttiva 2003/88/KE (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4).

²⁶ Kif il-Qorti diġà ddeċidiet fil-każ *Vorel* (Kawża C-437/05), dan m'għandu l-ebda implikazzjonijiet fir-rigward tar-rati tal-ħlas, li jaqgħu 'l hinn mill-ambitu tad-Direttiva.

Soluzzjoni ta' dan it-tip isservi ta' risposta għax-xejriet ta' attività ferm differenti matul il-ħin on-call f'setturi u attivitajiet differenti, u fost l-Istati Membri differenti. Din tagħti lill-partijiet soċjali l-flessibbiltà li jsibu soluzzjonijiet fil-livell lokali jew settorjali u li jidentifikaw l-aktar metodu xieraq biex jingħadd il-ħin on-call. Din tkun titbiegħed mill-interpretazzjoni tal-Qorti f'*Dellas*²⁷, iżda ma jkollhiex għalfejn teħtiegħ li ddaħħal distinzjoni għda bejn perjodi ta' ħin on-call 'attivi' u 'inattivi'.

Fil-każ tal-ħin on-call 'l hinn mill-post tax-xogħol, il-pożizzjoni ġuridika tibqa' kif dikjarat f'*SIMAP*.²⁸ il-perjodi li fil-fatt jitqattgħu fir-rispons ta' sejħa għax-xogħol biss ikunu magħduda bħala ħin tax-xogħol, għalkemm il-ħin ta' stennija mqatta' d-dar jista' jiġi ttrattat b'mod aktar favorevoli skont il-liġijiet nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi.

Jekk id-deroga dwar l-'ekwivalenza' proposta hawn fuq tkunx tapplika jew le għas-sitwazzjonijiet speċifiċi, fejn ir-residenzi tal-ħaddiema huma pprovduti fil-post tax-xogħol bħala parti mill-impjeg tagħhom, biex b'hekk ikunu disponibbli għal sejħiet okkażjonali²⁹. titlob kjarifika speċjali.

ii) *Il-ħin għall-mistrieħ mogħti b'kumpens*

Għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet ġodda biex jiċċaraw il-ħin tal-mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa. Fil-każ Jaeger, il-Qorti sostniet li l-perjodi ta' mistrieħ minimi ta' kuljum li jkunu ntilfu għandhom jittieħdu minnufih wara li jispiċċa x-xift ta' xogħol estiż u f'kull każ qabel ma jibda l-perjodu ta' xogħol li jkun imiss ('mistrieħ kumpensatorju immedjat'). Il-pożizzjoni ġuridika mhix ċara fir-rigward tal-mistrieħ ta' kull ġimgħa mitluf.

Bosta risposti talbu aktar flessibbiltà fil-ħin ta' mistrieħ kumpensatorju: madankollu, riċerka riċenti tikkonferma li hemm effetti gravi fuq is-saħħa u s-sikurezza meta l-perjodi minimi ta' mistrieħ ta' kuljum jew kull ġimgħa jiġu posposti. Huwa rikonoxxut li hemm bżonn ta' aktar flessibbiltà fil-każ ta' firxa ta' sitwazzjonijiet speċifiċi. Madankollu, din il-flessibbiltà għandha tkun limitata għal sitwazzjonijiet fejn hija meħtiegħa għal raġunijiet oġġettivi, u għandha tkun suġġetta għal miżuri kumplessivi biex jitħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja dan l-aħħar sostniet³⁰ li f'sitwazzjoni partikolari ħafna, fejn il-forniment ta' kura residenzjali tul perjodu limitat jitlob relazzjoni ta' fiduċja u kunfidenza ma' xi individwu speċifiku, jista' jkun oġġettivament impossibbli li jiġu alternati perjodi ta' xogħol u ta' mistrieħ ta' kuljum bir-regolarità normali. Madankollu, enfasizzat li eċċezzjoni ta' dan it-tip tkun tiddependi fuq li l-ħaddiem jirċievi protezzjoni alternattiva xierqa li tkun tiżgura mistrieħ u rkupru suffiċjenti.

Il-kwistjoni dwar jekk il-ħin ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa għandux normalment jittieħed il-Ħadd, minflok f'xi jum ieħor tal-ġimgħa, hija waħda kumplessa ferm, li tqajjem kwistjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, kif ukoll kwistjonijiet ta' natura soċjali, reliġjuża u edukattiva. Madankollu, mhux bilfors li minn dan joħroġ li din hija

²⁷ *Dellas Kawża C-14/04.*

²⁸ *SIMAP, Kawża C-303/98, para 50*

²⁹ Bħal, pereżempju fil-każ ta' concierges, manigġers ta' siti tal-ikkampjar, xi gwardjani tal-kura residenzjali, xi ħaddiema tal-forzi tad-difiża.

³⁰ *Isère, C-428/09.*

kwistjoni li tixirqilha leġislazzjoni fil-livell tal-UE: fid-dawl tal-kwistjonijiet l-oħra li jqumu, il-prinċipju tas-sussidjarjetà jidher li huwa applikabbli.

5.2 Reviżjoni komprensiva

It-tieni għażla tikkonsisti f'ġabra ta' bidliet aktar komprensivi, kif ukoll l-indirizzar ta' kwistjonijiet li jolqtu l-ħin on-call u s-mistrieħ kumpensatorju. Din l-għażla tkun tippermetti li r-reviżjoni tqis aktar bis-sħiħ ix-xejriet tax-xogħol li qegħdin jinbidlu deskritti hawn fuq, u li tħares b'mod aktar sħiħ lejn il-kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza mqajma minn sigħat eċċessivi ta' xogħol. Barra minn hekk, bosta msieħba soċjali xtaqu jindirizzaw għadd ta' kwistjonijiet oħra, kif inhu msemmi hawn taħt.

i) Flessibbiltà akbar għal xejriet ġodda ta' xogħol

Ir-regoli tal-UE għandhom jirrispondu għax-xejra kontinwa lejn aktar forom flessibbli tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-individwalizzazzjoni tas-sigħat tax-xogħol. L-għan huwa li tinkiseb flessibbiltà sostenibbli u mmirata sew fir-regoli tal-ħin tax-xogħol, li tqawwi l-produttività u l-kompetittività filwaqt li tiżgura wkoll protezzjoni aktar effettiva kontra r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza.

L-għażliet dettaljati segwenti li jirrigwardjaw l-ħaddiema awtonomi, il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol u l-kuntratti ta' impjiegi multipli huma konnessi b'mod partikolari mal-kummenti tal-imsieħba soċjali dwar dawn l-aspetti.

Il-bidliet li ġejjin jistgħu jitqiesu wkoll, bla ħsara, fejn applikabbli, għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza:

- Ambitu għal flessibbiltà addizzjonali biex jiġu deċiżi arranġamenti ta' ħin tax-xogħol permezz ta' negozjar kollettiv, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti bażiċi speċifikati,
- Derogi li jippermettu perjodi ta' referenza itwal minn 12-il xahar, f'każijiet speċifiċi, bi ftehim bejn l-imsieħba soċjali,
- Estensjoni tal-perjodu ta' referenza għall-kisba tal-medja tal-ħin tax-xogħol għal 12-il xahar permezz ta' leġislazzjoni wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali fil-livell xieraq, f'dawk is-setturi jew l-Istati Membri fejn id-deroga ta' eżenzjoni ma tintużax, bħala parti minn pakkett bilanċjat b'għażliet oħrajn stipulati hawn taħt.

ii) Il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol fil-każ ta' realtajiet demografiki ġodda

Qed iseħħu bidliet kbar fid-dinja tax-xogħol, minħabba l-parteciċipazzjoni tan-nisa u l-anzjani li kulma jmur qed tikber, il-fatt li spiss l-imsieħba jkunu jaħdmu t-tnejn, xi kultant f'ħinijiet u ġranet differenti, u l-isfidi li ġgħib magħha l-kura tat-tfal u l-anzjani. Iż-żieda rapida u mifruxa fil-ħinijiet tax-xogħol flessibbli turi l-qawwa tad-domanda għal soluzzjonijiet aktar bilanċjati, flimkien ma' individwalizzazzjoni akbar tal-istili tal-ħajja għall-ħaddiema ta' kull età. B'aktar regoli tal-ħinijiet tax-xogħol flessibbli, l-Istati Membri jiġu megħjuna jilhq u l-mira tal-UE 2020 li jżidu l-parteciċipazzjoni tal-forza tax-xogħol għal 75 % (mid-69 % attwali), partikolarment billi jkomplu jżidu l-parteciċipazzjoni tal-ħaddiema nisa u anzjani.

Id-Direttiva bħalissa ma fiha l-ebda dispożizzjoni biex il-ħaddiema jiġu informati minn min iħaddimhom dwar il-bidliet maħsuba għall-iskedi tal-ħin kollettiv, jew biex jitolbu bidliet

għall-iskedi tal-ħin individwali. Hemm xhieda li turi li dan joħloq sfida serja għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja u l-bilanċ ġenerali bejn ix-xogħol u l-ħajja.

Dan li ġej għandu jitqies biex jiddaħħal fid-Direttiva:

- li l-isħab soċjali jiġu inkoraġġiti jikkonkludu, fil-livell xieraq u bla preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, ftehimiet immirati lejn is-sostenn tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja,
- dispożizzjoni li permezz tagħha l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, jiżguraw li dawk li jħaddmu jinformaw lill-ħaddiema bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla sostanzjali fix-xejra tax-xogħol,
- dispożizzjoni biex dawk li jħaddmu jistħarrġu t-talbiet tal-ħaddiema għal bidliet fiil-ħinijiet u x-xejriet tax-xogħol tagħhom, fid-dawl tal-bżonnijiet taż-żewġ naħat għall-flessibilità, u biex jagħtu raġunijiet meta ma jilqgħux dawn it-talbiet.

iii) *Ħaddiema awtonomi*

L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mil-limitu tat-48 siegħa, il-perjodi ta' mistrieħ u dispożizzjonijiet oħra, skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva, fil-każ ta' ċerti ħaddiema li jistgħu jiddeterminaw il-ħin tax-xogħol tagħhom infushom jew ta' dawk li l-ħin tax-xogħol tagħhom mhux determinat minn qabel. Madankollu, jeħtieġ li din id-deroga tiġi definita b'mod aktar ċar, kemm bi tweġiba għall-bidliet fix-xejriet tax-xogħol li jippermettu xogħol relattivament awtonomu mingħajr limiti ta' ħin u wkoll biex jiġi evitat l-abbuż.

Definizzjoni reveduta għandha tistipula li din id-deroga tapplika biss għall-maniġers flivell għoli fis-settur pubbliku jew dak privat, u għal ħaddiema oħra b'awtonomija ġenwina u effettiva kemm fir-rigward tal-ammont kif ukoll tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tagħhom.

iv) *Kuntratti multipli*

Minorità sinifikanti ta' ħaddiema fl-UE jaħdmu b'kuntratti tax-xogħol konkurrenti ma' impjegaturi differenti, u xi kultant, mal-istess impjegatur. Jeħtieġ li jiġi ċċarat aktar li l-limitu tal-ħin tax-xogħol fid-Direttiva, f'dawn is-sitwazzjonijiet, japplika każ b'każ. Qabel, il-Kummissjoni stqarret li kemm jista' jkun, id-Direttiva trid tiġi applikata każ b'każ, peress li l-għan tagħha huwa li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza. Madankollu, l-infurzar jista' jkun problematiku jekk min iħaddem ma jkunx konxju tal-impjeg(i) l-ieħor/oħrajn tal-ħaddiem. L-ewwel pass jista' jkun li jiġi ċċarat li jekk impjegat jaħdem b'aktar minn kuntratt wieħed mal-istess impjegatur, l-Istati Membri għandhom ipoġġu fis-seħħ mekkaniżmi effettivi biex jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva każ b'każ. Mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ u l-infurzar huma aktar ikkumplikati meta jkun hemm kuntratti konkurrenti ma' impjegaturi differenti. Dawn jistgħu jkunu suġġetti għal skambju ta' prassi tajba skont il-punt ix) t'hawn taħt.

v) *L-ambitu tad-Direttiva u problemi settorjali speċifiċi*

Għażla waħda mqajma minn xi risposti kienet li jiġu esklużi mill-ambitu tad-Direttiva ċerti gruppi (pereżempju, il-forzi tad-difiża jew il-ħaddiema tat-tifi tan-nar volontiera). Madankollu, dan jidher li hu inkonsistenti mal-Karta, li tirreferi għal 'kull ħaddiem', kif ukoll mal-prinċipju bażiku dikjarat f'għadd ta' verdetti tal-Qorti tal-Ġustizzja li d-Direttiva

tipproteġi d-drittijiet soċjali fundamentali ta' kull 'ħaddiem'³¹. Il-Qorti dan l-aħħar iddeċidiet³² li l-kunċett ta' 'ħaddiem' fid-Direttiva għandu tifsira awtonoma skont il-liġi tal-UE, b'riferenza għal relazzjoni ta' impjieg definit oġġettivament, minkejja li l-applikazzjoni tal-kunċett f'każijiet partikolari hija kwistjoni li jikkonċerna lill-qrati nazzjonali.

Filwaqt li l-ħaddiema kollha jissodisfaw id-definizzjoni oġġettiva ta' relazzjoni ta' xogħol għandhom allura jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva, jeħtieġ li jitqiesu gruppi partikolari bħall-ħaddiema tat-tifi tan-nar voluntiera, li fil-każ tagħhom huwa diffiċli li jiġu applikati jew infurzati regoli ġenerali. Dawn jitqiesu bħala ħaddiema skont il-liġi nazzjonali f'Stati Membri, iżda ma jitqiesux hekk f'xi oħrajn.

Is-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti ħaddiema mobbli tat-trasport bit-toroq tista' wkoll tkun tixirqilha attenzjoni speċjali. Xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jirrigwardjaw il-perjodu ta' mistrieħ u x-xogħol ta' billejl ma japplikawx għal dawn il-haddiema³³, u dawn mhumiex koperti mid-Direttiva settorjali 2002/15/KE. Tista' titqies armonizzazzjoni akbar tar-regoli tal-ħinijiet tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli kollha tat-trasport bit-toroq hu x'inhu t-tip tal-vettura li jsuqu, b'qies tal-eżistenza ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-ħin tas-sewqan, il-waqfiet, u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum jew kull ġimgħa stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

vi) Eżenzjoni

Il-kwistjoni ta' jekk għandux jinżamm l-opt-out hija waħda ferm diviżiva. Din kienet il-kawża ewlenija tal-falliment tal-konċiljazzjoni bejn il-koleġiżlaturi fl-2009. L-unjins u min iħaddem għandhom opinjonijiet diverġenti dwar din il-kwistjoni. Jixraq, għalhekk, li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lil dan l-aspett, fid-dawl ta' xhieda ġdida dwar l-użu tiegħu fil-prattika li turi proliferazzjoni estensiva u rapida tal-eżenzjoni, b'rabta partikolari mal-użu tal-ħin on-call, iżda bi standards varjabbli ferm ta' protezzjoni u monitoraġġ³⁴.

Hawnhekk huwa relevanti li wieħed jinnota li mis-27 Stat Membru, 16 bħalissa jippermettu l-użu tal-eżenzjoni, imma 11 biss fosthom jippermettuh f'setturi jew attivitajiet li jużaw bil-qawwi l-użu tal-ħin on-call³⁵. Ma jidhirx li huwa realistiku li dawn l-Istati Membri kollha jintalbu ma jużawx din id-deroga, bla ma jiġu żgurati soluzzjonijiet alternattivi fattibbli. Jidher ċar li l-użu futur tal-eżenzjoni fis-servizzi on-call se jiddependi fuq kemm is-servizzi pubbliċi jassorbu l-bidliet imdaħħla minn din ir-reviżjoni fir-rigward tal-ħin on-call u s-mistrieħ kumpensatorju. Opportunitajiet oħra ta' flessibbiltà msaħħla permezz ta' din ir-reviżjoni tad-Direttiva jafu jiskorraġġixxu użu aktar estensiv tal-eżenzjoni, bħal estensjoni tal-perjodu ta' referenza għall-kisba tal-medja tal-ħin tax-xogħol ta' ġimgħa.

Għaldaqstant, ikun jagħmel iktar sens li titnaqqas il-ħtieġa li tintuża l-eżenzjoni fuq medda ta' żmien twil, billi jiġu pprovduti għamliet aktar immirati ta' flessibbiltà, milli jinfetaħ mill-ġdid id-dibattitu dwar l-abolizzjoni tagħha li dwarha ma jidhirx possibbli li jintlaħaq qbil bejn il-partijiet soċjali jew bejn il-koleġiżlaturi. Ta' min wieħed ifakkar li l-għadd ta' ħaddiema tal-UE li jaħdmu aktar minn 48 siegħa, li issa jirrappreżenta 9 % tal-forza tax-xogħol, qed

³¹ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 21.

³² *Isère*, C-428/09.

³³ Ara SEC(2010) 1611 - Dokument ta' Ħidma tal-Persunal: rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, taqsima 2.6.1.

³⁴ COM(2010) 802, Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol; Deloitte Consulting, (2010), Studju li jsostni valutazzjoni tal-impatt rigward id-Direttiva 2003/88/KE (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4).

³⁵ COM(2010) 802, Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

ikompli jonqos, minkejja li għad hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri, u dan jinħoloq minn fatturi differenti (partikolarment l-kuntratti multipli) apparti l-użu tal-opt-out.

Barra minn hekk, wieħed jista' jsaħħaħ il-protezzjoni mogħtija lil dawk il-ħaddiema li jaċċettaw l-eżenzjoni, billi jiżgura monitoraġġ effettiv tas-siġhat eċċessivi³⁶, inaqas ir-riskju ta' pressjoni minn min iħaddem u jiżgura li l-kunsens neċessarju mill-ħaddiem individwali jkun inġhata b'mod liberu u wara li jkun ġie infurmat. Id-Direttiva għandha tipprovdi wkoll mekkaniżmu għal valutazzjoni perjodika effettiva tal-eżenzjoni.

vii) *Liv annwali mħallas*

Ir-risposti enfasizzaw id-diffikultajiet b'aspett wieħed tal-liġi b'konnessjoni mal-liv annwali mħallas – il-verdetti f'*Schultz-Hoff* u *Stringer*³⁷, li ddeċidew li ħaddiem li jkun assenti mix-xogħol għal xi raġuni (bħal mard) 'l hinn mill-kontroll tiegħu xorta jibqa' intitolat għal liv annwali mħallas fir-rigward ta' dak il-perjodu. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-prova li ħaddiem hu inkapaċi jaħdem u r-rati tal-ħlas tul assenzi ta' dan it-tip huma kwistjonijiet li jolqtu l-liġi nazzjonali u jmorru 'l hinn mill-ambitu tad-Direttiva.

Il-problema ewlenija tidher li tfeġġ minħabba nuqqas ta' ċarezza dwar jekk ħaddiem b'liv minħabba l-mard għal tul ta' żmien jistax jakkumula intitolamenti ta' liv annwali mħallas tul snin suċċessivi. Din il-possibbiltà toħloq spiża li ma tistax titbassar u li taf tkun sostanzjali għal min iħaddem, u jaf ikollha l-effett mhux intiż li tteġġiġhom itemmu l-impjieg tal-ħaddiema fuq liv ta' mard tul żmien twil, qabel ma jkun ġie ċċarat jekk ikunux jistgħu jirritornaw għal ħidmiethom wara li jirkupraw. Barra minn hekk, akkumululu bla trażżin jidher li jmur 'l hinn minn dak li huwa rekwiżit biex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva.

L-aqwa soluzzjoni tidher li tkun emenda biex tagħmilha ċara jekk l-Istati Membri jkunux jistgħu jiffissaw limiti massimi xierqa għall-akkumululu tal-intitolamenti tal-liv annwali bi ħlas tul snin suċċessivi, hekk kif jinqabeż l-għadd ta' ġimġhat mitlub biex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva dwar is-mistrieħ minimu u l-irkupru³⁸.

viii) *Regolamentazzjoni aħjar*

Il-proposti t'hawn fuq jirriżultaw fil-kodifikazzjoni ta' għadd ta' deċiżjonijiet importanti tal-Qorti u fl-iċċarar ta' għadd ta' punti li dwarhom hemm xi inċertezza, biex b'hekk ikun hemm regolamentazzjoni aktar ċara, sempliċi, trasparenti u aċċessibbli.

It-test eżistenti tad-Direttiva huwa diffiċli biex jinqara u huwa strutturat b'mod li jista' jħawwad lil dak li jkun, b'għadd ta' dispożizzjonijiet li issa għadda żmienhom. B'mod partikolari, fih għadd ta' derogi u dispożizzjonijiet li jirfsu fuq xulxin (pereżempju, dwar il-perjodi ta' referenza) b'xi duplikazzjoni u repetizzjoni. Kwalunkwe reviżjoni għandha, madankollu, issir b'attenzjoni u sens ta' trażżin partikolari biex jiġi żgurat li l-liġi sostantiva ma tintlaqatx u jiġi evitat kull riskju ta' inċertezza.

ix) *Miżuri ta' infurzar u kooperazzjoni*

³⁶ Intwera li d-dispożizzjonijiet attwali fl-Artikolu 22(1) baqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom ineffettivi.

³⁷ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 6.

³⁸ Il-kawża pendenti *KHS*, C-214/10 u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dik il-kawża.

Għadd ta' risposti qajmu xi punti ta' tħassib dwar l-infurzar effettiv tal-istandards bażiċi tal-ħinijiet tax-xogħol, filwaqt li dan l-istess tħassib feġġ ukoll fir-Rapport ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni.

Din hija kwistjoni importanti. Il-Kummissjoni hija lesta li ssostni kooperazzjoni u skambji aħjar ta' prattiċi tajba f'dan ir-rigward bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-imsieħba soċjali³⁹, pereżempju billi fil-livell tal-UE jiġi stabbilit kumitat ta' esperti dwar il-ħin tax-Xogħol.

6. IL-PASSI LI JMISS

Direttiva dwar il-ħin tax-Xogħol reveduta se tkun tkun strumentali biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tipprovdi lin-negozji u lill-impjegati l-flessibbiltà neċessarja għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u bilanċjati fil-post tax-xogħol. Tinħtieġ aktar azzjoni leġiżlattiva biex jiffasslu r-regoli tal-UE dwar il-bidla fix-xejriet tal-ħinijiet tax-xogħol filwaqt li jiġu rispettati l-għanijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiem, u jiġu ċċarati kwistjonijiet kritiċi ta' interpretazzjoni.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra r-risultati ta' din il-konsultazzjoni għall-ħidma tagħha ta' tkomplija tar-reviżjoni tad-Direttiva. B'mod partikolari, taf tissospendi t-tali ħidma jekk l-imsieħba soċjali jiddeċiedu li jinnegozjaw bejniethom dwar kwistjonijiet b'ambitu estensiv biżżejjed. Jekk le, se tkompli tadotta proposta leġiżlattiva ta' emenda, sostnuta minn valutazzjoni tal-impatt dettaljata li tqis l-aspetti ekonomiċi u soċjali, li se tiġi ppubblikata simultanjament magħha.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni se tkompli tuża l-istrumenti ġuridiċi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex issewwi għadd ta' sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri mhumiex konformi mal-liġi preżenti tal-UE, partikolarment f'każijiet ta' sigħat ta' xogħol eċċessivi b'effetti negattivi evidenti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

7. MISTOQSIJET LILL-IMSIEĦBA SOĊJALI

Il-Kummissjoni, għaldaqstant, qed tfittex l-opinjoni tal-imsieħba soċjali dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-bidliet fir-regoli tal-UE dwar il-ħin tax-xogħol għandhom ikunu limitati biss għall-kwistjonijiet tal-ħin on-call u s-mistrieħ kumpensatorju, jew għandhom jindirizzaw firxa usa' ta' kwistjonijiet, bħal xi wħud minn dawk elenkati fit-taqsim 5.2 jew kollha kemm huma?

2. Meta tqis ir-rekwiżiti tal-Artikolu 153 TFUE, tikkunsidra li:

a) l-għażliet imsemmija fit-taqsim 5.1 dwar il-ħin on-call u s-mistrieħ kumpensatorju,

b) l-għażliet kollha msemmija fit-taqsim 5.2 jew xi wħud minnhom dwar kwistjonijiet oħrajn imqajma mill-imsieħba soċjali u r-reviżjoni attwali,

³⁹ Xi eżempji possibbli jistgħu jinkludu skambji dwar l-użu tat-telexogħol (li diġà wasslu għal ftehim ta' qafas bejn l-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE) jew ftehimiet ta' qafas dwar metodi tax-xogħol innovattivi li jipprovdu kontinwità ta' servizz fil-qasam pubbliku filwaqt li jiżguraw il-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

jistgħu jipprovdu qafas kumplessivament aċċettabbli biex jiġi indirizzat it-tħassib imsemmi fir-risposti tiegħek fl-ewwel fażi tal-konsultazzjoni?

3. L-imsieħba soċjali tal-UE, fil-livell interindustrijali jew settorjali, iridu jidħlu għal negozjati dwar il-kwistjonijiet kollha msemmija f'din il-komunikazzjoni jew parti minnhom bil-ħsieb li jikkonkludu ftehim li jkun jagħmilha possibbli li tiġi emendata d-Direttiva billi jintużaw il-possibbiltajiet ipprovduti skont l-Artikolu 155 TFUE?